tat-trasferiment:-1)BIL PREZ
Lm250 THALLSU FUQ IL
KUNTRATT.
FERU GHAL KUNTRATT TA'
FL-1 TA
GA' RUHU
MALTIJA
GHA. LILL KUMPRATUR B'DAK
STAX IL GURNATA MILL
J JAQBLU' LI DIN IR
ZNIEN HMISTAX IL
TA" BEJGH RIGWARD DIN IL
IBIEGH BHALA LIBERA U
TTI GHANDU JIGI PUBLIKA
UM.

bblika l-a
L REFLAO.

.16, Saint Ursola Street,

U BISS

2 4 OCT 1983
RECEIVED

t il-kondizzjonijiet li

Lm210)

Kummissarju ta' l-Artijiet

Sittax (16) ta' Jannar, elf disa' mija erbgha u tmenin (1984).

Quddiemi Rutar Dottor Michael Refalo qed jidhru personalment wara li identifikaw ruhhom skond il-ligi:

Minn naha l-wahda:

Joseph Attard, kuntrattur, bin il-mejtin Carmelo u Giuseppa nee' Grima, imwieled u joqghod Newkija, Gozo: Karta tal-Identita' numru 73834 (G) li qed jidher fuq dana l-att f'isem u ghan-nom tal-Kumpanija "J.C.R. Limited".

U minn naha l-ohra:

Carmelo Pace, 'driver', bin Michelangelo u Silvia nee' Sultana, imwieled u joqghod Kercem Gozo: Karta tal-Identita' numru 2[illegible]4 (G).

Bis-sahha ta' dana l-att il-komparenti Joseph Attard 'nomine' qed ibiegh u jittrasferixxi lill komparenti Carmelo Pace li jaccetta, jixtri u jakkwista il-plot markata bl'ittra "N" mill-art imsejha "Ta' Ciangura" limiti Kercem liema porzjon hija tal-kejl ta' circa 224 (mitejn u erba' u ghoxrin) metri kwadri u inkuza maghha hemm porzjon ohra illi hija avamposta ghall istess plot "N" li hija intiza ghall formazzjoni tat-triq liema [illegible] hija tal-kejl ta' circa [illegible] u tletin metri kwadri (33sq.m.) u konfinanti mit-tramuntana ma' beni tal-venditur, nofsinhar beni ta' George Cassar u punent ma' triq progettata bla isem, libera u f[illegible]ka, bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha indikata ahjar fuq pjanta annessa ma' att tieghi dsatax (19) ta' Settembru, elf disa' mija wieled u tmenin (1981).

Dana l-bejgh qed isir u qed jigi accettat bil-prezz ta' Lm225 (mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin) liema flus il-venditur jiddikjara illi gia rcieva u tithalla d-debita ricevuta skond il-ligi fuq dana l-att.

DR. ANTHONY HILI LL.D.
Notary Public and Commissioner for Oaths
MALTA

Il-venditur'nomine' jiggarantixxi dana l-bejgh skond il-ligi u biex jagħmel tajjeb għal dan jipoteka il-beni tiegħu kollha in generali preżenti u futuri favur il-kompratur li jaċċetta.

Għall finijiet tal-Att XVIII/1982 (Tmintax tal-elf disa' mija tnejn u tmenin) qed jiġi hawn annessa il-permessa tal-Kummissarju tal-Art bħat "B".

Għall finijiet tal-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni tas-sena elf disa' mija tlieta u sebgħin (1973) jiġi dikjarat illi l-art trasferita tifforma parti minn art akbar li ġiet akkwistata mill-venditur b'titolu onerus b'att tiegħi tal-erbatax (14) ta' Settembru, elf disa' mija tnejn u tmenin (1982).

Għar-raġuni fuq esposta jiena Notar ħati hawn taħt iffirmat niddikjara illi t-trasferiment odjern mhux soġġett għad-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att.

Dana l-att huwa soġġett għal Lm7.80,0 (seba' liri u tmenin ċentezmu) taxxa "ad valorem".

Magħmul, maqri u ippubblikat wara d-debita ċerzjorazzjoni f'Victoria, Gozo Republic Street, numru tmintax ittra A(18A).

(Sgd) J. Attard.

Carmelo Pace,
Dr. Michael Refalo
Nutar Pubbliku Malta

TRUE COPY OF THE ORIGINAL QUOD ATTESTOR

D. ANTHONY HILLMAN
Notary Public and Commissioner for Oaths
~ MALTA ~